

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/549**tas-6 ta' April 2018****li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(e) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa nomenklatura tal-oġġetti, (minn hawn 'il quddiem in-"Nomenklatura Magħquda" jew "NM"), li hija stabbilita fl-Anness I ta' dak ir-Regolament.
- (2) In-nota addizzjonali 6 tal-Kapitolu 17 tan-Nomenklatura Magħquda tiddefinixxi l-"ġulepp tal-inulina" għall-finijiet tas-subintestaturi 1702 60 80 u 1702 90 80. Dan huwa prodott immedjat miksub mill-idroliżi tal-inulina jew tal-oligofrużtożi, li fl-istat xott ikun fih ammont definit ta' fruttożju fil-forma ħielsa jew bħala sukrożju.
- (3) Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, abbażi tal-Artikolu 12(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 u l-Artikolu 7(a)(ii) tar-Regolament (UE) Nru 1294/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, it-"Test ta' Profiċjenza dwar iz-Zokkor u Prodotti li Fihom iz-Zokkor 2016" ⁽³⁾ sar fil-qafas tal-Azzjoni 2 ⁽⁴⁾ tan-Netwerk Ewropew tal-Laboratorji Doganali. Dan kixef li l-laboratorji doganali tal-Unjoni jinterpretaw il-frażi "fruttożju f'forma ħielsa jew bħala sukrożju" li tissemma fin-Nota Addizzjonali 6 tal-Kapitolu 17 b'mod differenti.
- (4) It-test ta' dik in-nota Addizzjonali jenħtieġ għalhekk li jiġi ċċarat. Il-kwantità ta' zokkor preżenti — espress fuq il-materja xotta - jenħtieġ li jiġi determinat permezz tal-metodu ta' Kromatografija Likwida bi Prestazzjoni Għolja, li huwa l-aktar metodu preċiż disponibbli.
- (5) Fl-interess taż-żamma ta' ċertezza ġuridika, huwa meħtieġ li dik in-nota Addizzjonali tiġi emendata biż-żieda ta' paragrafu ġdid lit-test eżistenti.
- (6) Biex tiġi żgurata l-interpretazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda madwar l-Unjoni fir-rigward tad-definizzjoni ta' ġulepp tal-inulina kopert mis-subintestaturi tan-NM 1702 60 80 u 1702 90 80, jenħtieġ li n-Nota Addizzjonali 6 tal-Kapitolu 17 tan-Nomenklatura Magħquda tiġi emendata.
- (7) Għalhekk, l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fin-Nota Addizzjonali 6 tal-Kapitolu 17 tat-Tieni Parti tan-Nomenklatura Magħquda stipulata fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"Il-kwantità ta' "fruttożju f'forma ħielsa jew bħala sukrożju" għandha tiġi determinata permezz tal-formula $F + 0,5 S/0,95$ kkalkulata fuq il-materja xotta, fejn "F" huwa l-kontenut ta' fruttożju u "S" huwa l-kontenut ta' sukrożju, kif determinat mill-metodu ta' Kromatografija Likwida bi Prestazzjoni Għolja."

⁽¹⁾ ĠUL 256, 7.9.1987, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1294/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi programm ta' azzjoni għad-dwana fl-Unjoni Ewropea għall-perjodu 2014–2020 (Dwana 2020) u jirrevoka d-Deċiżjoni 624/2007/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 209).⁽³⁾ Rapport finali maħruġ fl-24 ta' April 2017 mill-Kummissjoni Ewropea u mqassam lin-Netwerk Ewropew tal-Laboratorji Doganali.⁽⁴⁾ L-Azzjoni 2 tittratta paragoni reċiproki u validazzjonijiet tal-metodi tal-laboratorji doganali.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' April 2018.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER
